16 ta' Marzu, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Grazia Ebejer *versus* Giacomo Vella et.

**Ilma tax-Xita — Sieqja — Art. 442 (1) u (2) u 443 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm il-proprjetarju tal-fond superjuri għandu d-dritt li jdaħħal fil-fond tiegħu l-ilma tax-xita li jiskorri fuq it-triq publika bi preferenza tas-sid tal-fond inferjuri, eppure sid il-post superjuri ma jistax ibiddel jew jaltera l-livell tat-triq; huwa jista' jagħmel mod li jsuq biex jiġbor l-ilma li jkun nieżel skond il-pendil ta' l-istess triq.*

*Huwa leċitu li wieħed iżomm kondott subier jiffaċilita l-passaġġ ta' l-ilma fil-fond tiegħu; bil-kondizzjoni, però, li jsodd dak il-kondott meta l-possessur ta' fond li jkun hemm fih siġar ikollu bżonn ta' l-ilma biex isaqqihom.*

*Gie deċiż ukoll illi r-regola li tissubordina d-dritt u l-preferenza għas-sitwazzjoni tal-postijiet hija hija stess subordinata u suġġetta għar-regola l-oħra li għandha jkollha setgħa meta wieħed mill-proprjetarji ikollu bżonn ta' l-ilma għall-użu tal-bhiedem, jew għaż-żorb ta' l-annimali, jew għat-tisqija tas-siġar li ordinarjament ikollhom bżonn it-tisqija.*

*Dawn ir-regoli huma ntiżi biex jirregolaw l-interessi u d-drittijiet tal-privati; iżda huma limitati u ċirkoskritti minn ħtiġijiet ta' ordni publiku.*

*Dan id-dritt li jiġi miġbur l-ilma mit-triq publika huwa mill-liġi mogħti lill-frontisti, u mhux ukoll lil min ma jkunx frontista; imma l-frontista li għandu dak id-dritt ma jistax, mingħajr ma jiġbor l-ilma għalih, jiddevja dak l-ilma mezzej u preġudizzju tal-frontisti l-oħra fuq l-istess triq li jiġu f'livell inferjuri; u għandi lanqas għandu dritt jagħti l-kunsens tiegħu biex dak l-ilma jiġi devjat minn ħadd ieħor. U dan aktar u aktar meta, kieku stess dak il-frontista ried jiġbor dak l-ilma għal xi użu ieħor li ma hux l-użu tal-bhiedem, jew iż-żorb ta' l-annimali, jew it-tisqija tas-siġar, kien ikollu, avvolja l-fond tiegħu jiġi f'livell superjuri, iċedi l-ilma lill-fondi oħra li qegħdin f'livell inferjuri qabel ma jibda jieħu huwa dak l-ilma kif trid il-liġi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi Ŧalbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvediment meħtiega, peress illi l-attriċi tippossjedi dar bi ġnien bis-siġar tal-laring u siġar oħra Ħaż-Żebbuġ, Dun Karm Psaila Street, nru. 18; u peress illi l-instanti għandha d-dritt illi ddaħħal l-ilma tax-xita li jaqa' fit-triq fil-ġnien tagħha per mezz ta' toqba li tagħti għat-triq fuq imsemmija u per mezz ta' sieqja li qegħda f'Tad-Dawl Street, kif, jekk ikun hemm bżonn, jiġi espressament dikjarat; u peress illi l-konvenuti, meta tagħmel ix-xita, qegħdin abużivament jagħmlu, jew iqabbdu min jagħmel, xkejjer u/jew opri oħra f'dina t-triq, li tiġi bejn il-fond tagħhom u dak ta' l-attriċi, kif ukoll qegħdin isoddu, jew iqabbdu lil min isodd, is-sieqja tal-fond ta' l-attriċi li tagħti fuq Tad-Dawl Street, Ħaż-Żebbuġ, biex b'hekk l-ilma

tax-xita jmur fil-fond tagħhom biss, b'dannu u preġudizzju ta' l-attriċi u bi ksur tad-drittijiet tagħha kif imsemmi; u peress illi fil-11 ta' Jannar 1951 l-attriċi talbet u ottjeniet minn din l-Onorabbli Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti (liema mandat ġie eżegwit fis-26 ta' Jannar 1951) biex jiddeżistu milli jkomplu jqiegħdu u/jew iqabbdu min iqiegħed l-ixkejjer u/jew opri oħra, u milli jsoddu jew iqabbdu min isodd is-sieqja fuq imsemmija; din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni maħruġ kontra l-konvenuti fil-11 ta' Jannar 1951 u eżegwit fis-26 ta' l-istess xahar, biex ma jqiegħdux u/jew ma jqabbdux min iqiegħed xkejjer u/jew opri oħra f'Dun Karm Psaila Street, Ħaż-Żebbuġ, li tiġi bejn l-fond ta' l-attriċi u l-fond tal-konvenuti, u biex ma jsoddux u/jew ma jqabbdux lil min isodd is-sieqja tal-fond ta' l-attriċi li tagħti fuq Tad-Dawl Street, Ħaż-Żebbuġ. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fattijiet li taw lok għall-kawża huma dawk konstatati fil-verbal ta' l-aċċess, u dwarhom dina l-Qorti ma għandhiex għalfejn tintrattjeni ruħha; aktar u aktar meta l-istess jidhru ċċarati mill-iskizz magħmul mill-perit li ġie nominat biex jassistiha;

Ikkunsidrat;

Illi dwar id-drittijiet tal-ġbir ta' l-ilma aċċidentali u pluvjali f'jaqa' fuq it-triq publika — imdaħħal dan id-dritt fil-Kodiċi Ċivili taħt is-servitujiet li jiġu mill-pożizzjoni tal-lok — il-liġi titkellem fl-artikoli 442 (1) u (2) u 443 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi huma intiżi sabiex jirregolaw id-drittijiet u interessi ta' ordni privat, u l-eżerċizzju tagħhom huwa limitat mill-eżerċizzju tad-dritt ta' ħadd ieħor, u prinċipalment mid-dritt ta' ordni publiku;

Tabilħaqq, dawk il-prinċipji regolanti d-drittijiet imsemmijin huma radikati fid-Dritt Komuni, u jinstabu minn dejjem applikati f'dawn il-Gżejjer, kif jista' jidher mill-Prammatiche ta' Manoel (Titolu 24 "Delle Case e Fondi", paragrafi XLV u XLVI, u fil-Kodiċi Muniċipali, jew Kodiċi De

Rohan, Liber III, Caput XI, numri XXIII, XXIV u XXV. Infatti gie dejjem rikonoxxut id-dritt ill-frontisti a fissens li jista' jinexxi għall-fond tiegħu l-ilma tat-triq publika, b' preferenza tal-proprjetarju tal-fond superjuri għal dak tassid tal-fond interjuri, u b'ripartizzjoni ugwali bejn il-proprjetarji ta' fondi ta' l-istess livell, u fuq kollox bi preferenza determinata mill-użu li għalih l-ilma jkun meħtieġ;

Kif jidher m ll-ġurisprudenza lokali, dawn il-prinċipji ġew applikati. Fil-verità, gie maqtugħ li, għalkemm il-proprjetarju tal-fond superjur għandu d-dritt li jdaħħal l-ilma li jiskorri fuq it-triq pubiika bi preferenza għas-sid tal-fond inferjuri, eppure sid il-post superjuri ma jistax ibiddel jew jaltera l-livell tat-triq, u jista' jagħmel b'mod li jsuq biex jiġbor l-ilma li jkun nieżel skond il-pendil ta' l-istess triq (ara Prima Awla Civili 4 ta' Ġunju 1868 in re "Roncali vs. Bugeja", konfermata fl-Appell fit-12 ta' Mejju 1869 — Vol. V, paġ. 132); kif ukoll intqal li huwa leċitu għall-konvenut li jimmantjeni kondott minnu magħmul sabiex jiffaċilita l-passaġġ ta' l-ilma fil-fond tiegħu f'lok radda tal-mobriet, jew qisu sies artificjal żgħir, bil-kondizzjoni però li jsodd dak il-kondott meta l-atturi, bħala possessuri ta' fond li jkun hemm fih siġar, ikollhom bżonn ilma biex isaqquhom (Appell 5 ta' Frar 1892 in re "Dr. Nicolò u Dr. Michel'Angelo aħwa Balzan vs. Lorenzo Gambin", Vol. XIII, paġ. 96, riformanti s-sentenza tal-Prim'Awla Civili tas-17 ta' Frar 1891, Vol. XII, paġ. 587). Ugwalment gie deċiż li r-regola li tissubordina d-dritt u l-preferenza tas-sitwazzjoni tal-postijiet hija stess subordinata u soġġetta għar-regola l-oħra li għandha jkollha setgħa meta wieħed mill-proprjetarji jkollu bżonn ta' l-ilma għall-użu talbniedem, jew għax-xorb ta' l-annimali, jew għat-tisqija tassiġar, li ordinarjament jitolbu t-tisqija; l-għaliex f'dawn il-każi anki s-sid li għandu l-preferenza minħabba li l-fond tiegħu huwa superjuri fil-livell tat-triq irid iċedi lis-sidien l-oħra jew lill-possessuri l-oħra d-dritt tal-ġabra ta' l-ilma fl-ordni ta' preferenza enunċjat fuq; wara l-ema operazzjoni, jew aħjar wara li jiġu sodisfatti l-preferenzi kif intqal fuq, jerġa' jitwieled d-dritt tas-sid li jkollu bżonn l-ilma għal użi oħra (Prim'Awla Civili 27 ta' Ottubru 1883 in re "Vassallo vs. Pullicino", Vol. X, paġ. 272). U fl-aħħarnett jingħad li gie

stabbilit ġudizzjarjament li dawn ir-regoli huma intiżi biex jirregolaw l-interessi u d-drittijiet tal-privati; iżda dawn id-drittijiet huma limitati u ċirkoskritti minn ħtieġijiet ta' ordni publiku (ara Appell Kriminali "La Polizia vs. Salvatore Grech" et.", 20 ta' Diċembru 1917, Vol. XXIII, P. I, pag. 1094);

Ikkunsidrat;

Illi wara li ġew esposti dawn il-prinċipji legali, dina l-Qorti sejra tgħaddi, fuq il-provi prodotti, għall-eżami tal-kwisjonijiet insorti;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżultaw dawn il-fattijiet:—

1. Illi t-triq Dun Karm Psaila Street, Ħaż-Żebbuġ (u mhux Tad-Dawl Street, kif indikata, għalkemm hekk hija konoxxuta dik it-triq fil-parti l-għolja tagħha), għandha pendil sensibili ħafna mill-ġnien ta' l-attriċi quddiem il-bini ġdid saddar u ġonna ta' l-istess attriċi indikata bil-kulur aħmar fuq l-iskizz tal-perit;

2. Illi tant il-ġnien ta' fuq ta' l-attriċi, kemm il-ġonna ta' isfel tagħha, kif ukoll il-ġonna tal-konvenuti (indikati fuq l-iskizz bil-kulur isfar), għandhom siġar li normalment irridu jiġu msoqqija; imma indubbjament il-ġonna ta' l-attriċi għandhom bil-bosta siġar ta' l-agrumi aktar numerużi;

3. Illi fil-pont indikat bl-ittra ħadra "Y" fuq l-iskizz, hemm tappiera li saret bin-nofs bejn il-kontendenti. Dina t-tappiera għandha sservi biex meta jew l-attriċi jew il-konvenuti jixtru l-ilma tal-Gvern għat-tisqija, dana l-ilma jiġi format minn hemm u permezz ta' kanali taħt is-superfiċi tat-triq jibqa' sejjer jew għand l-attriċi jew għand il-konvenuti, skond minn min ikun qiegħed jitlob dak is-servizz. Huwa paċifiku li dina t-tappiera ma għandhiex tinfetaħ meta jkun jiskorri l-ilma tax-xita, u ma kienetx intiża sabiex tiġbor l-ilma tax-xita. Jingħad ukoll li dina t-tappiera mhijiex tali li jista' jipperkola fiha l-ilma tax-xita għal ġewwa l-kanali rispettivi tal-kontendenti, li għaliex hija intappata tajjeb b'materja solida, u ma tikkonsistix f'xi spralli jew grada tal-ħadid;

4. Illi l-attriċi bil-kunsens tal-Gvern, kif mhux negat mill-konvenuti għandha kanali li minn taħt l-art tat-triq huma kommunikati per mezz ta' kanali oħra li jibqgħu jmexxu

l-ilma għas-sieqja numri "X2" u "X3", l-ilma li minn Dun Karm Psaila Street, vulgo Triq Tad-Dawl, jgħaddi għall-ġnien ta' fuq tagħha mis-sieqja numru "X1", immarkati bil-kulur aħdar fuq l-iskizz tal-perit tal-Qorti;

5. Illi l-konvenuti, meta bdiet nieżla x-xita dan l-aħħar bdew jagħmlu xkejjer sa nofs it-triq, u anki lil hemm minn nofs it-triq, f'pożizzjoni daqsxejn 'il fuq mit-tappiera "Y" (indikata bl-aħdar fuq l-iskizz tal-perit); anzi jirriżulta li huma, barra minn dan, waqt li kienet nieżla x-xita s-sena l-oħra u din is-sena, fetħu t-tappiera, għalqu l-kondotti ta' l-atturi, u ħallew l-beri l-kondotti tagħhom, u b'dana l-mod iddevjaw l-ilma minn Dun Karm Psaila Street, sive Tad-Dawl Street, għad-direzzjoni ta' Hofra Street, ħalli jkunu jistgħu jgawdu mill-iskoll ta' dak l-ilma għall-ġonna ta' l-agrumi tagħhom;

6. Illi dawk l-ixkejjer kienu qegħdin jiġu poġġuti bil-kunsens tas-sid jew posseditriċi, mal-bini ta' Grazia Caruana, li hija l-persuna li tagħmel mill-bini fejn iddur il-kantuniera, jew aħjar fejn dak l-istess bini jagħmel żaqq fuq l-istess triq. Dina Grazia Caruana ma kienetx tiġbor l-ilma bħala frontista, u lanqas għandha ġonna fil-post tagħha fejn il-konvenuti kienu jpoġġu l-ixkejjer, jew aħjar, bil-mandat espress jew taċitu tagħhom, kienu jqegħduhom terzi persuni għalihom;

7. Illi ma jirriżultax min kien isodd is-sieqja nru. "X1" tal-ġnien ta' fuq ta' l-attriċi;

Illi dwar l-ewwel kwistjoni jingħad li, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, il-konvenuti ma kellhom ebda dritt ipoġġu jew jagħmlu, jew jakkonsentu jew jordnaw li jintagħmlu, l-ixkejjer 'il fuq mit-tappiera markata dok. "Y", jew li jiftħu, għall-finijiet ta' l-iskol ta' l-ilma tax-xita, l-istess tappiera; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Dwar it-tappiera, għaliex huma jammettu li l-istess ma kienetx intiża sabiex tilqa' u tiġbor l-ilma tax-xita, imma għall-iskopijiet li fuq intqalu;

2. Il-ligi dwar id-dritt li jiġi miġbur l-ilma mit-triq publika, tagħti dak l-istess dritt lill-frontisti, u mhux lil min ma jkunx frontista. Il-konvenuti fuq it-triq Dun Karm Psaila Street ma humiex frontisti, u kwindi ma kellhomx id-dritt jagħmlu la radda u lanqas xkejjer fejn fil-fatt għamluhom;

3. Il-frontista għandu d-dritt ċertament għal tul il-bini tiegħu u nofs is-superfiċi tat-triq fejn jaħbat dak il-bini jiġbor l-ilma tat-triq għalih, imma ma għandux dritt, bla ma jiġbru għalih, jiddevja dak l-ilma mexxej a preġudizzju tal-frontisti l-oħra fuq l-istess triq u li jiġu għal-livell inferjuri tiegħu;

4. Jekk Grazia Caruana ma setgħetx tiddevja l-ilma in kwistjoni, għar-raġuni ċara, lanqas ma setgħet, bħala frontista fuq it-triq Dun Karm Psaila Street, tagħti l-kunsens tagħha biex il-konvenuti jiddevjawh għal Hofra Street fejn għandhom il-gonna tagħhom;

5. Anki kieku Grazia Caruana riedet, bħala frontista, l-ilma li kien jiskorri fuq il-wiċċ ta' Dun Karm Psaila Street u matul il-bini tagħha, għal kwalunkwe użu ieħor li mhux l-użu tal-bniedem, ta' l-annimali, jew għat-tisqija tas-siġar li soltu u ordinarjament jissaqqew, hija, non ostanti li qiegħda f'pożizzjoni ta' livell superjuri għall-frontisti l-oħra ta' warajha li huma f'livell inferjuri, fil-kondizzjoni ta' l-attriċi, kien ikollha ċċedi l-ilma lilhom qabel ma tibda tieħu dak l-istess ilma hija stess kif trid il-liġi, u kwindi ċertament ma setgħetx lanqas tagħti l-kunsens tagħha li l-ilma jiġi devjat;

Illi minn dan jidher ċar li dak li għamlu l-konvenuti, tant bit-tqegħid ta' l-ixkejjer 'il fuq mit-tappiera "Y", kemm per mezz ta' ħadd ieħor bil-kunsens espress u taċitu tagħhom, anki bl-akkonsentiment ta' Grazia Caruana, kien u huwa kontra l-liġi u inġustifikat; u dwar dina l-kwerela, li hija l-kwerela prinċipali, it-talba attriċi hija sorretta mill-provi u mill-liġi, u timmerita li tkun milqugħa;

Illi dwar il-kwerela l-oħra, fis-sens li l-konvenuti saddew jew għeghlu lil min isodd is-sieqja numru "X1" indikata fliskizz, dina l-Qorti tħoss li l-attriċi ma ppruvatx li qatt dan sar mill-konvenuti jew minn xi persuna minnhom imqabbda. Il-provi prodotti juru biss li xi tifel tat-tifla ta' Grazia Caruana u ieħor, ġurnata waħda, huma u għaddejjin minn dik it-triq, messew b'sieqhom ir-radda ta' l-ixkejjer ta' l-attriċi; imma apparti li b'dak l-att ma ġietx magħluqa s-sieqja, għalkemm imnaqqsa b'hekk l-estensjoni tagħha biex tilqa' l-ilma mexxej, ma jirriżultax li dawk it-tfal kienu ġew imqabbdin mill-konvenuti;

Illi kwindi dina l-kwerela ta' l-attriċi ma ġietx pruvata;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjeż jingħad li l-kwerela l-aktar importanti, kif jidher mill-provi, hija l-ewwel waħda, u l-oħra hija ta' importanza anqas, b'mod li jekk huwa minnu l-prinċipju li l-ispejjeż għandhom jiġu akkollati skond u fuq il-meritu, dina l-Qorti għandha tieħu konsiderazzjoni ta' l-importanza tal-kwereli fid-determinazzjoni tal-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tikkonferma l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-inibizzjoni u l-istess mandat tal-11 ta' Jannar 1951, eżegwit fis-26 ta' l-istess xahar u sena in kwantu għat-tqegħid ta' l-ixkejjer jew opri oħra fuq Dun Karm Psaila Street, Ħaż-Żebbuġ, fil-post ftit 'il fuq mit-tappiera dok. "Y" indikata fuq l-iskizz tal-perit nominat mill-Qorti mal-bini ta' Grazia Caruana, u tiċħad it-talba għall-kumplament;

L-ispejjeż kollha, kompriżi dawk ta' l-aċċess u xhieda, jingabru u jitħallsu terz mill-attriċi u żewġ terzi mill-konvenuti, barra minn dawk tar-relazzjoni peritali weħedha, li għandhom jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti.